MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Rikors Numru. 163/2004

**Fl-atti tal-mandat ta' Sekwestru 246/04 fl-ismijiet:**

**Joseph Bugeja u b'digriet tas-6 ta' April, 1990 l-atti gew trasfuzi f'isem Antonia Bugeja f'isimha proprju bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri Charmaine u Lawrence ahwa Bugeja u stante li llum huma maggorenni assumew l-atti fil-vesti proprio taghhom flimkien ma' ommhom Antonia Bugeja.**

**Vs**

**Anthony Falzon u Vincent Falzon f'isimhom proprju u bhala diretturi ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta' A & V Falzon.**

**Il-Qorti,**

**Preliminari**

Rat **ir-rikors** ta’ Anthony Falzon u Vincent Falzon fejn ppremettew:

Illi dan il-mandat inhareg kontra taghhom abbusivament u bla raguni valida fil-ligi billi wara li nqatghet il-kawza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-12 ta’ Dicembru, 2002, is-socjeta’ Elmo Insurance Agency Ltd ghall-assiguraturi tas-socjeta’ A & V Falzon, accettat li thallas dak legalment dovut. Effettivament hargu c-cekkijiet fl-ammont dovut pero’ l-familja Bugeja ma kienux qablu ma’ l-imghaxijiet.

L-istess Bugeja kienu ga hargu mandat ta’ sekwestru numru 820/03 (kopja annessa) u wara laqghat mal-avukat taghhom Dr. Mark Busuttil kien gie konsultat avukat iehor bi qbil u ntlahaq qbil li l-imghax kien dovut mid-data ta’ l-ewwel sentenza meta gie likwidat l-ammont dovut. In fatti l-istess familja Bugeja permess ta’ l-avukat taghhom Dr. Mark Busuttil kienu pprezentaw kontro-mandat ghall-mandat ta’ sekwestru msemmi (kontro mandat numru 1241/03, kopja annessa).

Sussegwentement sar il-hlas shih ta’ l-ispejjez lil Dr. Mark Busuttil pero’ ghal darb’ohra l-familja Bugeja rega’ bdielhom u ma accettawx il-hlas kif miftiehem. L-esponenti tramite l-avukat taghhom ripetutament staqsew lil Dr. Busuttil jekk kellux risposta pero’ kull darba jwiegeb li Bugeja kienu ghadhom ma tawhx twegiba.

Il-mandat prezent hareg minghajr ma regghu gew avvicinati l-esponenti u minkejja li hemm l-assigurazzjoni li taghmel tajjeb.

Dan il-mandat qed jaghmel hsara kbira lill-esponenti li huma pensjonanti avvanzati fiz-zmien u jridu jghixu mill-kontijiet bankarji taghhom.

L-esponenti jirrilevaw ukoll li s-socjeta’ A & V Falzon ilha snin li giet xjolta.

L-ammont dovut lill-familja Bugeja maqbul mill-avukat taghhom Dr. Mark Busuttil, apparti l-ispejjez ga mhallsa, huwa l-ammont ta' Lm3,695 kif jidher mic-cekk li hareg min Elmo Insurance Services Limited (kopja annessa).

Ghar-ragunijiet premessi l-esponenti jitolbu bir-rispett li din il-Qorti joghgobha tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi, jew tillimitah ghall-ammont indikat ta' Lm3,695, u taghti kull provvediment iehor li jidhrilha xieraq u opportun.

Rat **ir-risposta ta' l-intimati** a fol. 9 tal-process fejn jissottomettu:

1. Illi l-ewwel nett ir-rikorrenti inoltraw it-talba taghhom ghal ragunijiet li mhumiex legalment validi. Jidher illi qeghdin jattakkaw l-att ezekuttiv permezz tal-procedura stipulata fl-artikolu 283A tal-Kap. 12. Dan l-artikolu mhuwiex qieghed hemm biex jintuza bhala mezz kif il-mandat jigi attakkat minhabba ragunijiet ta' kontestazzjoni illi huma marbuta mal-mertu innifsu li bis-sahha tieghu l-att ezekuttiv (f'dan il-kaz il-mandat ta' sekwestru) ikun inhareg. Tant hu hekk illi l-istess subartikolu (1) ta' l-artikolu 283A jistabilixxi illi dak kollu kkontemplat fl-istess artikolu jkun *minghajr pregudizzju ghal kull jedd iehor taht din il-ligi jew xi ligi ohra.*

2. Illi ghalhekk kieku r-rikorrenti kellhom ikollhom ragun fil-mertu (haga illi m'ghandhomx), dana xorta ma kienx ifisser illi jistghu jattakkaw il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni. Il-mandat inhareg bis-sahha tat-titolu ezekuttiv, cioe' sentenza tal-Qorti ta' l-Appell b'Citazzjoni Numru 664/81. Illi r-rikors odjern huwa bbazat fuq ragunijiet illi setghu jitqajjmu komodament kemm fl-istadju ta' appell kif ukoll b'kull mod permess mill-ligi u mid-dottrina.

Il-procedura li ntghazlet, min-naha l-ohra, hija semplicement tattika ohra vessatorja biex l-intimati ma jiehdux dak kollu li jispettalhom skond is-sentenza kif konfermata fl-appell, u hija tentattiv biex jerga' jigi ttrattat il-mertu ta' kawza li marret in gudikat.

3. Illi oltre dana kollu l-procedura specjali kontemplata fil-fligi permezz ta’ l-artikolu 283A, illi saret b’ghanijiet specifici, ma tistax tigi estiza ghal ghanijiet ohra, kif qed jittantaw jaghmlu r-rikorrenti permezz tar-rikors taghhom.

4. Illi apparti mis-suespost, u minghajr pregudizzju ghalih, il-lanjanzi tar-rikorrenti fil-mertu huma assolutament infondati kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt.

5. Illi r-rikorrenti wara li nqatghet is-sentenza ta’ l-Appell favur l-intimati ma jridux jaghtu l-imghax dovut skond is-sentenza u taw istruzzjonijiet lis-socjeta’ assikuratrici Elmo Insurance Agency Limited biex taghmel l-istess.

6. Illi s-sentenza ta’ l-Appell (hawn annessa in kopja, ‘Dok. A’) ikkonfermat is-sentenza tal-Prim’Awla, liema sentenza kienet ikkundannathom ihallsu s-somma ta’ Lm2,217.52 flimkien ma’ l-imghaxijiet skond dan l-inciz mis-sentenza tal-istess Prim’Awla:

*Dwar il-likwidazzjoni tad-danni fil-fehma tal-Qorti din ghandha ssir fuq dak li tilef l-istess attur tul il-perjodu kontrattwali prezunt u rimanenti mal-konvenuti u cioe’, stante li kien diga’ thallas ta’ sena paga, sentejn ohra paga li kien kieku jippercepixxi fl-ammont ta’ Lm2717.52 (Lm1358x2).*

*Fuq dan l-ammont pero’ ghandhom jghaddu l-imghax ta’ 6 fil-mija li kien l-imghax legali dovut dak iz-zmien fuq debiti civili, ghax il-Qorti jidhrilha li dan l-ammont kien effettivament likwidu meta kien dovut.*

Allura din is-sentenza, konfermata mill-Qorti ta’ l-Appell, irrimandat il-bidu tad-dekorrenza ta’ l-interessi lura ghal qabel ma nqatghet l-istess sentenza, ghax dehrilha li l-ammont kien diga’ likwidu meta kien dovut, allura fil-jiem li fil-fatt kellu jithallas l-issa mejjet Joseph Bugeja, jigifieri fl-1980 u fl-1981. Illi d-diskors uzat mill-Qorti fosthom il-forma tal-verb tkun uzata fil-passat (kien) kif ukoll il-kostruzzjoni intiera tal-frazi *kien likwidu meta kien dovut*

juru l-intenzjoni tal-Qorti b'mod inekwivokabbli. L-istess dwar l-interessi, applikabbli bis-sitta fil-mija ghax appuntu dak iz-zmien dik ir-rata kienet applikabbli fuq debiti civili.

7. Illi jidher car illi l-ewwel Qorti (sentenza tal-Prim'Awla hawn annessa in kopja, Dok. B), fis-sentenza taghha kkonfermata fl-Appell, dehrilha illi l-ammont dovut kellu jgi likwidat *minn meta kien dovut,* jigifieri miz-zmien meta l-mibki Joseph Bugeja kien ghadu qed jahdem ghall-ahhar sentejn qabel il-pensjoni u li fihom kien jippercepixxi l-paga kieku ma weggghax fuq ix-xoghol. L-ammont dovut, ghalkemm effettivament likwidat fid-data ta' l-ewwel sentenza, dina l-istess likwidazzjoni giet imposta retrospettivament bhala dekorrenti minn meta l-ammont *kien dovut*. Illi huwa pacifiku illi l-Qorti hija effettivament libera illi tiddeciedi dwar meta ghandu jibda jiddekorri l-imghax, specjalment meta jidhrilha illi jekk tiddeciedi mod iehor, tkun qieghdha taghti vantagg indebitu lid-debitur.

8. Illi kif diga' nghad ir-rikorrenti kellhom il-liberta' kollha li jappellaw fuq dan il-punt fl-appell intavolat minnhom, haga li huma ghogobhom ma jaghmlux, ghaliex fl-appell ittrattaw punti u kwistjonijiet ohrajn.

9. Illi nonostante l-kjarezza ta' dan kollu r-rikorrenti ddecidew illi ghalihom l-imghaxijiet ghandhom jiddekorru mid-data ta' l-ewwel sentenza.

10. Illi ghalhekk minn wara li nqatghet is-sentenza ta' l-appell ir-rikorrenti qeghdin jipprovaw igieghlu lill-intimati jaqblu bilfors ma' l-interpretazzjoni nkorretta taghhom, billi joffrulhom l-ammont li jridu jtuhom huma skond l-interpretazzjoni taghhom jew xejn. Dana jidher mill-ittra datata t-2 ta' Gunju, 2003 hawn annessa bhala Dok. C, liema ittra kienet intbaghtet wara l-hrug tal-mandat ta' sekwestru numru 820/03.

11. Illi l-intimati fl-ebda stadju ma qablu ma' l-ammont kif unilateralment iddecidew ir-rikorrenti li kienu ser ihallsu.

12. Illi l-mandat numru 820/03 kien gie mnehhi (permezz tal-kontromandat numru 1241/03) mhux ghar-

raguni li qeghdin jallegaw ir-rikorrenti, imma, kif tghid ir-raguni ddikjarata hemmhekk stess, *stante li l-partijiet <u>se jaslu</u> fi ftehim*. Dan jirrifletti l-fatt illi waqt li kienu ghaddejjin in-negozjati r-rikorrenti ghamlu pressjoni kbira biex dan il-mandat numru 820/03 jitnehha, imma mir-raguni succitata stess jidher illi, ghall-kuntrarju ta' kif jallegaw ir-rikorrenti, assolutament qatt ma ntlahaq qbil dwar l-imghax kif jallegaw huma stess, fil-fatt ir-raguni ma tghidx illi dak il-hin kien intlahaq ftehim, imma li kien ser jintlahaq, possibilita' u mhux certezza. Del resto, tigri spiss fil-prattika illi jsir kontomandat imbaghad il-partijiet ma jaslux ghal ftehim.

13. Illi barra minn hekk jigi wkoll rilevat illi l-mandat odjern kif intavolat jiehu kont ta' l-ammonti li thallsu lill-Avukat Busuttil, u ta' l-ammonti l-ohra li diga' thallsu mill-assikurazzjoni tar-rikorrenti, fil-fatt mill-Lm1,013.53 ta' l-ewwel mandat, hawnhekk l-ispejjez imnizzlin ghal Lm144.20.

14. Illi tant mhuwiex minnu dak li jallegaw ir-rikorrenti illi kien intlahaq ftehim bejn il-partijiet fis-sajf ta' l-2003, illi permezz ta' ittra ohra tal-konsulent legali taghhom datata l-5 ta' Awissu, 2003 (Dok. D), ir-rikorrenti jillamentaw illi c-cekkijiet illi ddecidew li johorgu huma bl-imghax komputat arbitrarjament minnhom kienu gew irrifjutati kemm mill-Avukat Busuttil kif ukoll minn Lawrence Bugeja stess.

15. Illi f'dik l-ittra stess ir-rikorrenti kienu qalu illi fi zmien jumejn mill-istess kienu sejrin jiddepozitaw il-flus il-Qorti, haga li sal-gurnata tal-lum, seba' xhur wara skorruti, ghadha ma saritx.

16. Illi l-fatt illi dak allegat mir-rikorrenti mhuwiex minnu jidher ukoll mill-ittra spedita mill-avukat ta' l-intimati ta' dak iz-zmien lill-avukat tar-rikorrenti (Dok. E), fejn jinformah illi l-ammont kollu dovut ghandu jkun (sad-29 ta' Lulju, 2003) dak ta' Lm6,595.28, jigifieri bl-interessi fl-istess ammont tas-sorte, u mhux inqas. Dina l-ittra tkompli turi, illi ghall-kuntrarju ta' dak li jallegaw ir-rikorrenti, cioe' illi l-intimati qatt ma tawhom risposta, fil-

fatt ir-risposta tal-familja Bugeja kienet cara w inekwivokabbli.

17. Illi l-intimati ma kienux prezenti ghall-allegata *laqgha ma' avukat iehor,* u ghalhekk la f'dik ic-cirkostanza, u lanqas fl-ebda mument iehor qatt ma accettaw il-hlas bl-imghaxijiet tronkati kif proposti mir-rikorrenti.

18. Illi jidher ukoll illi l-assikurazzjoni qieghdha timxi fuq il-parir ta' l-avukat tar-rikorrenti u ma tridx tirrilaxxa iktar mill-ammont illi ddecidew unilateralment ir-rikorrenti li ghandhom jaghtu. Illi r-rikorrenti baqghu jwebbsu rashom u ghamlu l-pozizzjoni taghhom cara, ghalhekk kellu jinhareg il-mandat odjern.

19. Illi bir-rispett kollu lejn ir-rikorrenti il-fatt illi huma avvanzati fl-eta' u li allegatament jghixu mill-kontijiet bankarji taghhom ma jilliberahomx mill-obbligi taghhom skond il-ligi u kif deciz mill-Qorti ta' l-Appell. Ghalkemm naturalment mhuwiex idoneu u lanqas necessarju illi din il-materja tigi diskussa f'dan l-istadju, is-sentenza titkellem car u l-ammonti dovuti ghandhom jigu mhallsin fl-intier.

20. Illi bl-istess mod, il-konsiderazzjoni dwar ix-xoljiment tas-socjeta' A & V Falzon hija f'dan l-istadju assolutament irrelevanti, apparti l-fatt illi kienet diga' giet itrattata mill-Qorti ta' l-Appell bhala wiehed mill-aggravji u konsegwentement respinta mill-istess.

21. Illi c-*cheque* mahrug minn Elmo Insurance Agency Limited fl-ammont ta' Lm3,695 (l-ammont li r-rikorrenti unilateralment iddecidew li sejrin ihallsu) mhuwiex fil-pussess ta' l-intimati u dawn qatt ma accettaw tali ammont imma dejjem insistew fuq hlas shih skond is-sentenza.

22. Illi l-ammonti dovuti mir-rikorrenti huma Lm2717.52 bhala sorte u Lm144.20 bhala spejjez, imbaghad l-imghaxijiet, jekk mahduma ghall-grazzja ta' l-argument mid-data tal-prezentata tal-kawza, cioe' d-19 ta' Gunju, 1981, sat-22 ta' Marzu, 2004, dawn jittotalizzaw ammont ta' Lm3713.10, illi in aderenza mas-sistema

dejjem addottata minn dawn il-Qrati jigi ridott ghal mhux oghla mill-ammont tas-sorte, jigifieri Lm2717.52.

Illi anzi t-talba fil-mandat odjern saret ghal Lm2,717 sorte u Lm2,717 imghaxijiet, b'vantagg allura, benche' minimu, lir-rikorrenti odjerni.

23. Illi semplicement ghall-grazzja ta' l-argument u minghajr ebda pregudizzju, kieku kellu jigi kkalkolat l-imghax kif jixtiequ r-rikorrenti, sad-data tat-22 ta' Marzu, 2004, l-imghax dovut ikun dak ta' Lm1,124.83, li flimkien mas-sorte (Lm2,717.52) u l-ispejjez li ghadhom dovuti (Lm144.20) jaghmlu total ta' Lm3,986.55 u mhux dak allegat mir-rikorrenti.

Illi ghas-suesposti ragunijiet il-mandat numru 246/04 assolutament mhuwiex abbuziv anzi korrett u rez necessarju mill-agir tar-rikorrenti u r-rikorrenti ma ghandhom ebda raguni valida fil-ligi biex jitolbu revoka jew limitazzjoni ta' l-istess, u ghandhom ukoll jigu akkollati lill-istess rikorrenti l-ispejjez ta' din il-procedura.

Rat l-atti kollha tar-rikors u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet lill-Avukati difensuri jittrattaw:

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Ir-rikorrenti qed jitolbu li din il-Qorti tirrevoka l-mandat ta' sekwestru fuq imsemmi, jew tillimitah ghall-ammont indikat ta' Lm3,695, u dana billi l-ammont dovut lill-familja Bugeja maqbul mill-avukat taghhom Dr. Mark Busuttil, apparti l-ispejjez ga mhallsa, huwa l-ammont ta' Lm3,695 kif jidher mic-cekk li hareg minn Elmo Insurance Services Limited .

Kif qalu tajjeb l-intimati dana l-artikolu m'ghandux jintuza bhala mezz kif il-mandat jigi attakkat minhabba ragunijiet ta' kontestazzjoni illi huma marbuta mal-mertu nnifsu li bis-sahha tieghu l-att ezekuttiv ikun inhareg. L-istharrig li

ghandha taghmel dina l-Qorti fi procedura bhal din huwa marbut ma ezami x'aktarx formali ta' l-att li tieghu qieghed jintalab it-thassir tieghu. Il-Qorti ghandha tistharreg li r-rekwiziti mitluba mil Ligi ghall-hrug tal-mandat jidhru mill-att innifsu u li dan ma nharigx b'mod abbuziv. (Ara digriet JRM 30/3/03 Vella vs Lloyd's Malta Ltd et).

Il-mandat mertu ta' dana r-rikors inhareg bis-sahha ta' titolu ezekuttiv kostitwit minn sentenza ta' dina l-Qorti li saret gudikat. (ara sentenzi ezibiti).

Ir-rikorrenti qed jissottomettu li l-partijiet mhux qed jaqblu dwar minn meta ghandu jinhadem l-imghax cjoe jekk hux mid-data ta' l-ewwel sentenza meta gie likwidat l-ammont dovut, jew inkella "minn meta kien dovut", kif qed jirritjenu l-intimati. Ir-rikorrenti jissottomettu li d-disgwid inqala' minhabba "kliem infelici" li ntuza fis-sentenza. Jidher pero' li dana huwa parti mill-mertu li seta' gie kontestat. Dan il-mandat ma jistax jintuza biex jigi attakkat jew imhassar ghal ragunijiet ta' kontestazzjoni li hija marbuta mal-mertu nnifsu li bis-sahha tieghu l-istess att ezekuttiv inhareg. Ir-rikorrenti kellhom rimedji ohra li jipprovvdi l-kodici tal-Procedura Civili fosthom l-artikolu 825(1) (2) tal Kap 12. Ghalhekk il-Qorti ma ssib xejn li hu kontra l-ligi fil-mandat li nhareg mill-intimati.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti qed tiddeciedi
billi tichad it-talba tar-rikorrenti
bl-ispejjez kontra taghom.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------